## 28 ta' Ġunju, 1958

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Giuseppa sive Joyce Bartolo

***Riċettazzjoni* — Ħelsien mill-Piena — Art. 348 tal-Kap. 12.**

*Il-benefiċċju li l-liġi takkorda lil min jirċievi jew jilqa' oġġetti misruqa jew provenjenti minn delitt ieħor, li jiġi meħlus mill-piena komminata għar-riċettazzjoni, jippostula, "inter alia", li jkun għad ma sar ebda proċediment, u li r-restituzzjoni tal-ħaġa misruqa jew riċettata tkun spontanea. Jekk il-Pulizija tkun ġa bdiet l-investigazzjoni tagħha, u r-riċettatur irrestitwixxa l-oġġett riċettat mhux spontaneament, imma in segwitu għall-interrogatorju tal-Pulizija, ir-riċettatur ma hux intitolat jinvoka dan il-benefiċċju.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata fin-nota tal-Attorney General tal-31 ta' Marzu 1958 skond ma hemm maħsub fl-art. 348(a), 298, 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali, u fl-art. 223, 40, 50 tal-Kodiċi Kriminali, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' April 1958, li biha sabet l-imputata mhux ħatja tat-tieni reat dedott kontra tagħha, u lliberatha minnu; iżda sabitha ħatja ta' riċettazzjoni ta' £2 provenjenti minn serq, u kkundannat lill-imsemmija Bartolo, reċidiva f'delitt, għall-piena tal-lavuri furzati żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat, u talbet li s-sentenza tiġi konfermata fil-lliberat lill-appellanti mill-imputazzjoni ta' għemil li joffendi l-pudur jew morali f'post publiku jew espost għall- publiku, u tirriformaha f'dik il-parti li sabitha ħatja ta' riċettazzjoni tas-somma ta' £2, u tiddikjaraha eżenti mill-piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-imputazzjoni ta' riċettazzjoni hi assodata, u xejn in kuntrarju ma ġie validament oppost f'din is-sede tal-appell;

Kwantu għall-benefiċċju tal-art. 348 Kap. 12, għamlet sewwa wkoll l-Ewwel Qorti li eskludietu; għaliex dak l-artikolu, għall-konċessjoni ta' dak il-benefiċċju, jippostula, "inter alia", li jkun għad ma sar ebda proċediment, u li r-restituzzjoni tal-ħaġa misruqa jew riċettata tkun spontanea; mentri f'dan il-każ il-Pulizija kienet ġa bdiet l-investigazzjonijiet tagħha, u l-imputata rrestitwiet il-flus riċettati mhux spontaneament, imma in segwitu għall-interrogatorju tal-Pulizija (ara Rex vs. Bellia, 22 ta' Ottubru 1942, Qorti Kriminali bi tliet Imħallfin; Appell Kriminali "Pulizija vs. Allen", 19 ta' Awissu 1950; u, għal dak li hi dottrina estera, Suman, Comm. Cod. Pen. It., art. 433);

L-appell, għalhekk, hu respint; u s-sentenza appellata konfermata.